MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 322/2008

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali
vs
John Debattista u Paul Debattista u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2009 gie kjamat in kawza Walter Massa

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih espona:

Illi fil-25 ta' Novembru 2004 din il-Qorti akkordat il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 2140/04 maghmul minn Walter Massa kontra l-intimati;

Illi permezz ta' tali mandat, l-intimati kienu inibiti milli jaghmlu, *inter alia*, xogholijiet fil-proprjeta` enumerata 126, 127 Paola Square, Paola u fil-*plot* illi tinsab warajha u li tmiss mal-proprjeta` 5, Ninu Cremona Street, Paola, li hija ta' Walter Massa;

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni surreferit, l-intimati komplew bix-xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjeta` ta' Walter Massa;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fis-26 ta' Settembru 2007 l-imsemmi Walter Massa gab ghall-konjizzjoni ta' dina l-Qorti dana kollu u talab li din il-Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2007 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiehu l-passi skond il-Ligi;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Issib lill-intimati John Debattista u Paul Debattista hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza Walter Massa li biha espona:

1. Illi huwa gie mharrek inutilment u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stante li kien huwa li intavola r-rikros *ai termini* ta' l-artikolu

997 tal-Kap 12 kif jirrizulta mill-atti ta' dik il-kawza prezentati milll-attur.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, zgur li fil-konfront tieghu t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan meta kien huwa li talab lill-attur biex jiehu passi kontra l-konvenuti Debattista stante li kienu baqghu jahdmu minkejja li kien hemm il-mandat ta' inibizzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, illum Walter Massa biegh l-istess proprjeta` lill-konvenuti l-ohra.

4. Illi huwa ma ghandux ibaghti spejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Walter Massa u qal hekk:

"Ghandi nghid li zmien ilu l-konvenuti kienu waqqghuli parti mill-bini tieghi. Ghandi nghid li jiena u huma ghandna plottijiet kontigwi u li fil-fatt meta huma gew biex jibnu biex ikollhom access qabdu u waqqghawli l-bini. F'dik l-okkazjoni jiena kont ghamilt proceduri legali l-Qorti. Nghid li kont tlabt li jinhareg mandat ta' inibizzjoni u fil-fatt dan kien inhareg. Fil-25 ta' Novembru 2004 u iehor fid-19 ta' Novembru. Ghalkemm inhareg dan il-mandat ix-xogholijiet xorta baqghu jsiru. Nikkonferma li wara li sar il-mandat xorta wahda huma baqghu ihaffru. Qed nesebixxi dokument b'diversi ritratti li juri t-thaffir kif sar. Ghandi nghid li jien kont bieghhejt il-proprjeta` tieghi lilhom stess kif jirrizulta mill-kuntratt ta' Awwissu 2008 li qieghed nesebixxi l-Qorti.

Inzid nghid li llum-il gurnata jiena m'ghadx fadalli izjed interess fil-kawza ghax il-post bieghhejtu u rrangajna.''

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dan il-kaz jikkoncerna disprezz ta’ l-awtorita’ tal-Qorti billi l-konvenuti, ghalkemm in segwitu ta’ Mandat ta’ inibizzjoni ordnati biex ma jaghmlux xogholijiet fil-proprjeta` 126 u 127 Paola Square Paola, xorta wahda baqghu jaghmlu xogholijiet. Gara li in segwitu l-kjamat in kawza biegh il-proprjeta` tieghu lill-konvenuti u ghalhekk illum m’ghadx ghandu aktar interess fil-kawza. Izda ghalkemm dan hu fattur ferm importanti, xorta wahda l-element tad-disprezz hemm qieghed.

Hawnhekk, japplikaw id-dispozizzjonijiet tat-Titolu XVII tal-Kodici ta’Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 988 sa 1003A tal-Kap 12). L-artikolu 1003A jiddisponi li:
“Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, f’kull procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, ir-Registratur ghandu jibda, kif jigi ordnat mill-Qorti il-procedimenti mehtiega u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ghandu jitqies bhala l-attur.”

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li fis-sentenza **Avukat Irene Bonello vs Onor. Prim Ministru et,** Appell tat 28 ta’ Frar 1997, inghad li:
“..l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap 12) hu ta’ natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hija allura l-Qorti u mhux wiehed jew wahda mill-kontendenti.”
(Ara wkoll **Mari aBaldacchino noe. vs Edwin Pace** , Prim’ Awla Qorti Civili, deciza 3 ta’ Ottubru 2003).

Hawnhekk, ta’ min isemmi wkoll li fil-kaz **Galea noe vs Formosa,** Vol. XXIX.ii.1023, fejn inghad li l-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jitolbu li l-ordnijiet bhal dawk tal-Qorti jigu obduti u li kienu x’kienu r-ragunijiet li wasslu lill-imharrek biex agixxa kontra dak l-ordni, m’ghandhomx ikunu raguni tajba biex dak il-ksur jigi skuzat. (Ara wkoll **Registratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charels Ellul,** Prim’ Awla Qorti Civili deciza 30 ta’ Jannar 2003).

Illi m'hemmx dubju li l-procediment ta' disprezz huwa wiehed ta' natura penali. (Ara **Portelli vs Cachia,** Vol. LXXV.ii.526, 28 ta' Jananr 1991). U jigi dedott, li fil-kaz ta' allegat ksur ta' ordni moghti fil-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni, wiehed isib dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid x'ghamla ta' sanzjoni jwassal mieghu l-ksur ta' ordni bhal dik. Dan jinsab fl-artikolu 873(4) tal-Kap 12.

Illi relevanti hafna huwa dak miktub minn **Miller** f'*Contempt of Court* (2nd. Edition 1990, pag.27):
*"Even if the better view is that civil contempt cannot properly be described as a criminal offence, it is none the less clear that non-compliance with a court order may be followed by a committal order or fine the purposes of which is avowedly punitive. In particular, it is clearly established that a fine or committal order may be imposed as a punishment for past disobedience even though the contemnor has by then complied with the original order or undertaking…Recognition of the quasi-criminal nature of proceedings for civil contempt has led to a gradual assimilation of the two brances of contempt."* (Ara wkoll **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina,** Prim'Awla Qorti Civili, 25 ta' Settembru 2003).

F'sentenza ohra, **Il-Qorti vs Bellizzi,** Koll. Vol. XXXVII.iii.910, Kummerc, deciza fl-20 ta' Awissu 1953, inghad li "l-mottiv li jwasslu persuna biex iggib ruhha b'mod li jidher li qieghed jisfida ordni ta' Qorti jistghu biss ikollhom effett fuq l-apprezzament tal-*'animus'* tal-persuna mixlija b'disprezz." U huwa mehtieg li jintwera li l-persuna li tkun kisret l-ordni tal-Qorti kienet taf li qeghda taghmel hekk. (Ara **Mallia noe. vs Dowling,** Kollezz, Vol. XXIX.iii.207, Kummerc, 9 ta' Jannar 1936, u **Registratur tal-Qorti vs Carmelo sive Charles Ellul,** Prim' Awla Qorti Civili deciza fit-30 ta' Jannar 2003).

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghalhekk irrizulta li l-intimati agixxew kontra l-ordni tal-Qorti. Naqsu li jaghtu spjegazzjoni ghaliha. L-agir taghhom jammonta ghal disprezz.

Issib lill-intimati hatja ta’ disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

Konsegwentement tikkundannhom ghal multa ta’ mija w hamsin ewro [€150] kull wiehed.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------